# Ġanni Farrugia
## minn Catherine Attard

Hekk kienu jsibuh, il-Bakkalun jew tas-Snien, dan il-karattru b'żewġ laqmijiet, bit-tieni laqam x'aktarx xhieda tas-snien sbieħ u b'saħħithom li kellu! Mela nistħajjilkom tgħidu għal liema personalità qed nirreferi? Dan m'hu ħadd ħlief Ġanni Farrugia miż-Żejtun, li għalkemm ebda monument jew triq ma jġibu ismu u li ħafna minnkom qatt ma semgħu dwaru, żgur li jistħoqqlu ġieħ għax-xogħol utli li kien jagħmel fiż-żmien meta bilkemm kien għadu daħal l-elettriku f'pajjiżna, jiġifieri lejn tmiem is-seklu dsatax.

Mela Ġanni twieled iż-Żejtun fl-1878, u ta' età żgħira daħal jaħdem gwardjan mal-Fanal ta' Delimara, liema fanal inbena mill-Ingliżi fl-1852, biex iservi ta' punt ta' referenza għall-vapuri ġejjin mill-Kosta ta' Barbarija u mill-Eġittu. Issa għandkom tkunu tafu li dak iż-żmien, din ma kienetx taħdem bid-dawl, imma kienet teħtieġ bniedem, li ta' kuljum, jitla' jixgħel il-fanal b'idejh. U ta' dan ix-xogħol Ġanni kien jaqla' biss ftit soldi u ried jaħdem qatigħ għal familtu, apparti li kien jaħdem bi nhar ukoll! Min jaf kemm kien joffri wens lill-vapuri u lill-bċejjeċ tal-baħar, kif ukoll lill-baħħara u lis-sajjieda li jkunu deħlin għall-kenn ta' Marsaxlokk jew Delimara, li żgur malli jilmħu dak id-dawl iteptep kienu jserrħu rashom li qorbu lejn l-art, speċjalment f'dak id-dlam oqtol u idfen, jew iżjed u iżjed jekk ikunu qattgħu xi żmien twil fuq il-baħar. Meta ngħaddi minn hemm riekba f'xi karozza wkoll jaqbadni t-tferfir u f'qalbi ngħid kemm kellu gazz in-nannu jgħaddiha kuljum waħdu fid-dlam. Tgħid ma kinux jgħaddulu ħsibijiet mil-labirinti ta' moħħu li seta' jaqbeż fuqu xi ħalliel għall-għarrieda?

Biex inkomplilkom, il-Bakkalun kien joqgħod ir-raħal t'isfel fil-bidu ta' Triq Sant'Antnin f'dar kbira qisha palazz li ntirtet minn ġenerazzjoni għall-oħra min-naħa tal-mara tiegħu. Minbarra li kien jgħammar fiha hu u l-ħames uliedu – ommi waħda minnhom – kienu joqogħdu wkoll ħut il-mara tiegħu, li ommi kienet issejħilhom iz-zija Gerit, iz-zija Konz u r-raġel tagħha, kif ukoll ommhom Rożi u missierhom Pawlu.

Minn din id-dar, tard bil-lejl, il-Bakkalun kien jirkeb rota nofsha mkissra ta' żmien is-servizzi u jerħilha lejn Delimara b'biċċa fanal żgħir imwaħħal fuq quddiem, lampa żgħira f'idu, b'inċirata fuq dahru (fix-xitwa), beritta sewda mdeffsa f'rasu u basket taċ-ċarruta b'bukkun fih imdendel fuq qaddu. Kien jgħaddi minn ħdejn il-knisja ta' San Girgor, jaqsam minn ġo

ġnien pubbliku, u jiġbed lejn ta' Strejnu sakemm imbagħad jasal tas-Silġ u fl-aħħar jaqbad it-triq ta' Delimara li twassal għall-fanal. It-triq li twassal għall-fanal kienet twila mhux ħażin u fid-dlam taraha itwal. Ma rridux ninsew li t-triq kienet imħarbta, l-asfalt u wisq anqas it-tarmak kien għadu ma wasalx, bir-rota toqmos ma' kull skoss jew ħofra hi u għaddejja minn din it-triq li sserrep qalb l-għelieqi u mudlama ħafna, bi ftit irziezet mifruxa 'l hawn u 'l hinn. Kien ikun hemm skiet taqtgħu b'sikkina, għajr għall-ħoss ta' xi kelb jinbaħ jew annimal jinħaqq jew tar-riħ ivenven. Fix-xitwa lanqas trid tara annimal lejn dawn l-inħawi, aħseb u ara bniedem!. Min jaf kemm-il darba ħa xi tixriba meta kien jinqabad f'xi maltempata għax fejn tistkenn ftit li xejn hemm. Hawnhekk, anki l-pjanti jissieltu biex jgħixu minkejja li huma tal-ispeċi li jifilħu għall-klima ħarxa. Fis-sajf imbagħad, is-sħana tifilġek, iżjed u iżjed wara li tkun għamilt dik il-ġirja kollha. Xemx u xita, f'iljieli bla qamar u kwiekeb, sħana jew kesħa, riħ u mhux, marid jew f'saħħtu qatt ma kien ifalli li jaqdi dmiru b'dedikazzjoni kbira. Hekk kienet tiftaħar bih ommi għall-inqas!

Kif kien jasal, kien jiftaħ il-bieb tad-dwejra, jitla' garigor twil u dejjaq, għoli madwar 24 metru u jixgħel il-fanal li kien jaħdem b'lampa tal-pitrolju, u l-lentijiet kienu jduru permezz ta' piż imqabbad magħhom li l-gwardjan kien iħaddem bħal qisu qed jagħti l-ħabel lill-arloġġ, qisu kull sagħtejn, u minnu kien joħroġ dawl alternat abjad bl-aħmar. Id-dwejra kienet kiesħa u sempliċi, u nieqsa minn ħafna kumditajiet, u mhux faċli tgħaddi lejl fiha speċjalment fil-kesħa tax-xitwa jew fis-sħana tas-sajf. Li hu żgur hu li ma kienx ibati mis-solitudni għax kieku lejn dan il-post ma kienx jersaq. Kien jinkwieta ħafna meta xi darba kien ikun tant mitruħ li ma jkunx jista' jqum mis-sodda, li ma jmurx ikun il-kaġun ta' xi ħabta ta' bastiment mal-blat jew sikka għax ma jindunax li jkun qorob ħafna lejn l-art! Iżda, apparti s-sodisfazzjon li bix-xogħol tiegħu seta' jkun mezz ta' salvazzjoni għall-oħrajn jew punt ta' riferiment, kellu wkoll l-opportunità li jgawdi l-veduti sbieħ tan-natura u tal-bajja ta' Marsaxlokk u l-bajjiet tal-madwar hekk kif jibda jbexbex kmieni filgħodu!

Lil dan in-nannu qatt ma lħaqtu għax jien l-iżgħar minn għoxrin ħuti, u ritratt tiegħu qatt ma rajt, għalkemm niddubita jekk qatt kinux ħadulu xi wieħed, imma lil ommi dejjem nismagħha tgħid li kien raġel twil m'ogħla hawn, mibni b'safejn, xagħru isfar innukklat, għajnejh kbar żoroq u dejjem liebes xi beritta. Il-kafè msajjar kien iħobbu wisq, forsi biex iżżommu sħun fil-ksieħ jew inkella biex jibqa' mqajjem mal-lejl.

Kellu devozzjoni kbira lejn Santa Katerina u kien attiv fil-knisja. Kien jgħid ir-rużarju ta' kuljum u jaqra waqt il-quddies fil-knisja l-kbira. Mill-bqija kien jgħix ħajja sempliċi.

Kulħadd jgħidlu, ''Mast, x'minnek? Għandna xi aħbar?'' Ommi u ħutha l-hena tagħhom iduru miegħu jisimgħuh jirrakkonta xi storja, li jista' jkun ukoll li kultant kienet tkun ivvintata jew imżewqa mhux ħażin! Niftakar lil ommi tirrakkonta kif darba minnhom, ħa lill-mara tiegħu Lonza, li kienet tqila b'ommi, f'din id-dwejra tal-fanal għax għelbitha l-kurżità biex tara kif inhi minn ġewwa u qagħdet miegħu hemm xi jumejn. Waqt li kienet hemm, ġieħha l-uġigħ tal-ħlas u welldet lil ommi Ġiralda. Kellhom isejjħu malajr lil xi majjistra u kumbinazzjoni xi Ingliżi li nzertaw fil-qrib marru jifirħulhom kif semgħu li twieldet tarbija. Kemm kienet ixxurtjata ommi li twieldet hemm! Maż-żmien il-Bakkalun, beda jnaqqas mix-xogħol u kif għalaq is-sittin sena rtira. Miskin ma tantx strieħ wisq għax miet ftit snin wara, fl-età ta' 66 sena.

Illum il-fanal għadu hemm wieqaf, għalkemm kien ġie dikkummissjonat fl-1985 meta ħadlu postu torri tal-kontroll li jaħdem bid-dawl u li hu mgħasses kontinwament mis-suldati. Riċentement, id-dwejra ta' taħtu flimkien mal-fanal ġew restawrati u wieħed jista' jikrihom għal ftit jiem ta' mistrieħ. Miskin in-nannu qatt ma laħaq din il-kumdità u kemm swieh tbatija dak il-vjaġġ li kien ikollu jagħmel ta' kull lejla fid-dlam! Kemm xtaq imqar kieku jkollu din il-faċilità jew il-lussu li tal-anqas jgħammar fih għal ftit sigħat fis-sħana jew fil-frisk u joqgħod isajjar kikkra kafè bil-kwiet. Tgħid xi darba ma jagħmlux xi lapida b'ismu jew isibu xi ritratt f'xi arkivju u jwaħħluh f'ġieh id-dedikazzjoni tiegħu lejn il-baħħara u s-sajjieda?! Kos, toqgħod tgħid, kemm ħarġu nies ħawtiela miż-Żejtun, u jien kburija li n-nannu tiegħi wieħed minnhom!

U tafux li issa qabbadtuni l-kurżità biex niskopri iktar dwaru u qabel inħallikom se nipprova nasal wasla sad-dar li kien jgħammar fiha u li għadha wieqfa hemm sal-lum, għax għandi kilba kbira biex nara fadalx xi tifkira jew xi ritratt tiegħu fiha. Għandi wkoll xewqa oħra li nmur sal-arkivji tal-knisja ħa nfittex id-data tat-twelid tiegħu, min kienu l-parrini, meta żżewweġ u x'naf jien. Imbagħad intgħarrafkom dwarhom darb'oħra... U bil-ħaqq, meta tgħaddu minn Triq Sant' Antnin tinsewx tgħidu requiem eternae għal ruħ il-Bakkalun!